GHSL

The Law Students' Society

Għaqda Studenti tal-Liġi

# L-Istatut ta' l-Ghaqda Studenti tal-Ligi
# -
# The Law Society

(kif gie emendat mill-LGA 2000, 2001 &  2002)

**Artikolu 1 Isem**

**1.0**
L-isem tal-ghaqda huwa 'L-Ghaqda Studenti tal-Ligi', 'The Law Students' Society', fil-qosor Gh.S.L.

**Artikolu 2 Ghanijiet u Principji**

**2.1**
Gh.S.L. hija ghaqda awtonoma u indipendenti minn kull korp civili jew religjuz, partit politiku, istituzzjoni kummercjali, u kull ghaqda, grupp, jew socjeta' ohra.

**2.2**
Gh.S.L. hija ghaqda bla skop ta' qliegh.

**2.3**
Gh.S.L. ghandha theggeg l-istudju tal-ligi fl-aspetti kollha taghha.

**2.4**
Gh.S.L. ghandha sservi bhala mezz ta' rabta bejn il-membri u l-Fakulta' tal-Ligi u ghaqdiet professjonali legali.

**2.5**
Gh.S.L. ghandha thares u tahdem ghall-interessi ta' l-istudenti tal-Ligi kollha.

**2.6**
Gh.S.L. ghandha tirapprezenta l-istudenti tal-Ligi f'dak kollu li jirigwardahom

**2.7**
Minghajr hsara ghal paragrafu 2.1, 'Gh.S.L.' ghandha tistabilixxi rapporti ma ghaqdiet ohra, partikolarment dawk studenteski, ghall-finijiet ta' paragrafi 2.3, 2.4, 2.5 u 2.6.

**Artikolu 3 Lingwa**

**3.0**
Il-lingwa ufficjali tal-Gh.S.L. hija l-lingwa Maltija, u, sakemm ma jkunx necessarju li tintuza lingwa ohra, il-Malti ghandu jigi uzat ghal kull skop ta' komunikazzjoni.

**Artikolu 4 Membri**

**4.0**
Minghajr hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' Artikolu 10 ta' dan l-istatut, kull student li huwa rregistrat fil-Fakulta tal-Ligi tal-Universita ta' Malta huwa awtomatikament membru tal-Gh.S.L.

**Artikolu 5 Organi**

**5.0**
L-organi principali ta' 'Gh.S.L.' huma l-Laqgha Generali u l-Kumitat Ezekuttiv.

**Artikolu 6 Il-Laqgha Generali**

**6.1**
Il-Laqgha Generali hija l-oghla organu decizjonali ta' l-Gh.S.L..

**6.2**
Il-membri kollha ta' 'Gh.S.L.' ghandhom id-dritt li jattendu u jivvotaw fil-Laqgha Generali.

**6.3**
Il-kworum ghal Laqgha Generali huwa ta' ghoxrin fil-mija (20%) tal-membri ta' Gh.S.L. Madankollu jekk dan il-kworum ma jintlahaqx wara nofs siegha mill-hin appuntat ghall-bidu tal-Laqgha, il-membri prezenti jikkostitwixxu kworum.

**6.4**
Il-Laqgha Generali Annwali (LGA) ghandha tissejjah mill-Kumitat Ezekuttiv f'Marzu. Laqgha Generali Straordinarja (LGS) tista' tissejjah mill-Kumitat Ezekuttiv jew fuq talba bil-miktub ta' mhux anqas minn ghaxra fil-mija (10%) tal-membri.

**6.5**
Ghandu jinghata avviz ta' LGA mill-inqas gimgha qabel ma ssir. F'kaz ta' LGS, ghandu jinghata l-avviz mill-inqas tlett ijiem qabel.

**6.6.1**
Mal-avviz ta' Laqgha Generali ghandha tinhemez l-agenda tal-Laqgha.

**6.6.2**
L-agenda ta' LGA ghandha tinkludi

- Hatra ta' *Chairperson* u Segretarju
- Approvazzjoni ta' l-agenda
- Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgha Generali precedenti
- Qari u approvazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Kumitat Ezekuttiv
- Hatra tal-Bord tad-Dixxiplina u tal-Appell
- Diskussjoni u votazzjoni dwar mozzjonijiet imressqa lill-Laqgha Generali
- Gheluq ta' nominazzjonijiet ghall-Bord ta' l-Ezekuttiv
- Hatra tal-Kummissarju Elettorali u zewg Assistenti u sejha tad-data ta' l-elezzjoni
- Presentazzjoni tal-Kandidati
- Vot ta' fiducja fil-Kandidati mhux kontestati.

Agenda ta' LGS ghandha tinkludi punti (i), (ii), (iii) u (vi) ta' l-agenda ta' LGA.

**6.6.3**
Minghajr hsara ghal paragrafu 12.2, emendi ghall-agenda mehmuza ma' l-avviz tal-Laqgha jistghu jsiru biss bl-approvazzjoni ta' zewg terzi tal-membri prezenti fil-Laqgha.

**6.6.4**
B'eccezzjoni ghall-paragrafu 6.6.3, l-ordni tal-punti (vii) sa (x) tal-paragrafu 6.6.2 fuq l-agenda ma tistax tinbidel.

**6.7.1**

Ic-*Chairperson* ghandu jmexxi l-Laqgha Generali skond id-dispozizzjonijiet ta' dan l-istatut. Decizjoni tac-Chairperson hija finali sakemm zewg terzi tal-membri prezenti ma jopponux l-istess decizjoni.

**6.7.2**
Jekk ic-*Chairperson* ikun membru ta' l-ghaqda ikollu vot originali u *casting vote* fil-votazzjoni tal-Laqgha Generali; jekk ma jkunx membru ikollu *casting vote* biss.

**6.8**
Is-Segretarju tal-Laqgha Generali ghandu jiehu l-minuti tal-Laqgha Generali. Il-minuti ghandhom jinkludu dettalji dwar kull mozzjoni, dettalji dwar id-diskussjoni u ta' kull vot mehud fil-Laqgha.

**6.9**
Fl-ghadd tal-voti tal-Laqgha Generali, astenzjonijiet ghandhom jinghaddu ghall-finijiet tal-minuti tal-Laqgha izda ma jeffettwawx ir-rizultat tal-vot.

**6.10**
Presidenti Onorarji tal-Gh.S.L. ghandhom jigu nnominati u approvati fil-Laqgha Generali.

**<u>Artikolu 7 Il-Kumitat Ezekuttiv</u>**

**<u>Sotto-Artikolu 1 - Generali</u>**

**7.1.1**
Il-Kumitat Ezekuttiv jmexxi l-hidma ta' 'Gh.S.L.' skond id-dispozizzjonijiet ta' Artikolu 2 ta' dan l-istatut u skond id-decizjonijiet tal-Laqgha Generali.

**7.1.2**
Il-membri tal-Kumitat Ezekuttiv huma:

- Il-President
- Is-Segretarju Generali
- It-Tezorier
- L-Ufficjal ghall-Marketing
- L-Ufficjal ghall-Pubblikazzjonijiet
- L-Ufficjal ghall-Attivitajiet Akkademici
- L-Ufficjal ghall-Attivitajiet Non-Akkademici
- L-Ufficjal Internazzjonali
- Ir-Rapprezentanti tal-istudenti fuq il-Bord tal-Fakulta tal-Ligi

**7.1.2.1**
Il-membri tal-Kumitat Ezekuttiv huma appuntati:
(i) f'kaz li m'hemmx kontestazzjoni ghall-kariga, permezz ta vot ta' fiducja mill-AGM

(ii) f'kaz ta' kontestazzjoni ghall-kariga, permezz ta' elezzjoni skond il-par. 8.

**7.1.2.2**
Ebda minn dawn il-membri ma jistghu jokkupaw post fuq Bord studentesk iehor tul it-'term of office' taghhom fuq il-Bord Ezekuttiv ta' l-GhSL.

**7.1.2.3**
Minghajr hsara ghal 7.1.2.2 membru ta' l-Ezekuttiv jista' jitnehha mill-kariga tieghu biss :
(i) jekk jaqla zewg 'warnings' skond l-Art. 7.3; jew
(ii) permezz ta' decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina

**7.1.3**
Fl-ewwel laqgha fis-sena ta' hidma tal-Kumitat Ezekuttiv, l-istess Kumitat ghandu jfassal Regolamenti ta' Procedura. Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-istatut dawn ir-regolamenti jirregolaw il-hidma tal-istess Kumitat u s-sotto-kumitati tal-ghaqda.
Dawn ir-regolamenti jistghu ikunu emendati f'laqghat sussegwenti bl-approvazzjoni ta' zewg terzi tal-membri kollha tal-Kumitat Ezekuttiv.

**7.1.4**
Cekkijiet ta' l-ghaqda jigu ffirmati minn tnejn mill-President, is-Segretarju Generali u t-Tezorier tal-Kumitat Ezekuttiv.
Kull nefqa ta' izjed minn tletin lira trid tkun approvata mill-Kumitat Ezekuttiv, fil-waqt li kull nefqa ohra trid tkun irrapportata lill-Kumitat Ezekuttiv fil-Laqgha segwenti. Il-Kumitat jista' jiehu l-passi li jidhirlu xierqa, fid-dawl tal-poteri moghtijin lilu f'dan l-istatut, jekk jasal ghall-konkluzjoni li n-nefqa kienet kontra l-interessi ta' l-ghaqda.
Kull nefqa trid tigi nnotifikata lit-Tezorier minnufih

**7.1.5**
Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu jfassal pjan ta' hidma ghas-sena shiha, b'rivedizzjoni kull erba' xhur.

**7.1.6**
Il-President ghandu vot originali u *casting vote* fil-votazzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv.

**7.1.7**
Ghandu jinghata avviz ghal laqgha sa mhux inqas minn tmienja u erbghin siegha qabel il-Laqgha. Laqghat Straordinarji, li jikkwalifikaw bhala urgenti skond ir-Regolamenti ta' Procedura u li fihom jigu diskussi biss dawk il-materji li jikkwalifikaw bhala urgenti skond l-istess Regolamenti, ghandu jinghata avviz dwarhom sa mhux inqas minn hames sieghat qabel il-laqgha.

**7.1.8**
Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu jitlaqqa mill-inqas darbtejn fix-xahar. Kworum ghal Laqgha tal-Kumitat Ezekuttiv huwa ta' erba' membri tal-Kumitat.

**7.1.9**
Ghandhom jittiehdu minuti ta' kull laqgha tal-Kumitat Ezekuttiv, li jkunu approvati f'laqgha sussegwenti b'maggoranza semplici mill-istess Kumitat.

**7.1.10**

Meta membru tal-Kumitat Ezekuttiv jkun assenti, minghajr gustifikazzjoni xierqa, ghal tlett laqghat konsekuttivi jew ghal hames laqghat f'sena ta' hidma jigi mressaq quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

**7.1.11**
Il-President ghandu jippromulga l-ideali u l-politika ta' 'Gh.S.L.' skond id-diskrezzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv u fid-dawl tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-istatut.

**7.1.12**
Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu jwaqqaf sotto-kumitati li jmexxu sferi specifici tal-hidma ta' Gh.S.L., fil-limiti u skond il-mandat moghti mill-istess Kumitat.

**7.1.13**
Il-Kumitat ezekuttiv ghandu jwaqqaf 'Kumitat Rapprezentattiv' li jkun kompost minn rapprezentant ta' l-istudenti ta' kull sena tal-B.A. fil-Ligi u Studji Umanistici; minn rapprezentant ta' l-istudenti ta' kull sena tal-L.L.D.; minn rappresentant ta' l-istudenti tal-P.L.; u rapprezentant tal-kors tal-M.A. eletti minn fost l-istudenti tal-kors taghhom. Il- Kumitat ikun ko-ordinat mis-Segretarju Generali. L-elezzjonijiet tar-rapprezentanti isiru f'Ottubru u japplikaw mutatis mutandi ir-regoli ghall-elezzjonijiet tal-Kumitat Ezekuttiv.

**<u>Sotto-Artikolu 2 Dmirijiet u Kompetenzi tal-Ufficjali</u>**

**7.2.1**
Il-President:

- huwa r-rapprezentant ufficjali u l-kelliem ahhari tal-Gh.S.L. Meta l-President jitkellem f'isem l-Gh.S.L. ghandu jirrefletti l-pozizzjoni ufficjali tal-ghaqda;
- ghandu jassigura l-osservanza ta' dan l-istatut u d-dixxiplina kollettiva ta' l-Kumitat Ezekuttiv;
- ghandu jippresjedi l-laqghat tal-Kumitat Ezekuttiv;
- ghandu jirraprezenta lill-GhSL fuq organizzazzjonijiet ohra

**7.2.2**
Is-Segretarju Generali:

- ghandu jghin lill-President fil-hidma tieghu;
- ghandu jiehu post il-President fl-assenza ta' dan ta' l-ahhar;

- huwa responsabbli ghar-registri u l-arkivji tal-Gh.S.L.;
- huwa responsabbli li jsiru l-minuti tal-laqghat tal-KE;
- huwa responsabbli li jikkoordina l-komunikazzjoni interna tal-ghaqda;
- flimkien mal-President, jirraprezenta l-GhSL fuq organizzazzjonjiet ohra;
- huwa responsabbli li jirrelata mal-'press'
- ghandu jara li l-'website' tkun 'updated', f'liema kariga ghandu jghaddi l-informazzjoni mehtiega lill-Ufficjal ghall-Marketing
- ghandu jikkoordina l-elezzjonijiet tas-'Student Representatives Subcommittee' skond Art. 7.1.13
- huwa responsabbli ghall-koordinazzjoni tal-'Practice Link'

**7.2.3**
It-Tezorier:

- huwa responsabbli li jzomm il-kotba tal-finanzi tal-Gh.S.L.;
- ghandu jipprezenta rendikont dettaljat tal-finanzi tal-ghaqda lill-Kumitat Ezekuttiv: (i) kull tlett xhur; (ii) kull meta ssir talba ghal dan il-ghan mill-Kumitat Ezekuttiv;
- ghandu jassigura li jsiru *budgets* ghall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv qabel kull attivita organizzata mil-Gh.S.L.;
- ghandu jipprezenta rendikont ta' dhul u hrug li jkunu saru f'kull attivita' li tinvolvi nefqa mill-fondi tal-Gh.S.L.;
- huwa responsabbli li jittellghu attivitajiet ta' gbir ta' fondi;
- huwa responsabbli mir-relazzjonijiet tal-ghaqda ma'entitajiet kummercjali u ohrajn li jistghu jghinu lill-ghaqda finanzjarjament.

**7.2.4**
L-Ufficjal ghall-Marketing:

- huwa responsabbli ghad-dehra pubblika tal-Gh.S.L.;
- huwa responsabbli ghall-marketing ta' l-attivitajiet ta' l-Ghaqda
- huwa responsabbli tal-'fund raising' ta' l-Ghaqda u tar-relazzjonijiet ma' entitajiet u kumpanijji kummercjali ghal gbir ta' fondi
- huwa responsabbli ghad-dehra u l-istruttura tal-'web site'

**7.2.5**
L-Ufficjal ghall-Pubblikazzjonijiet:

- huwa responsabbli li jigu ppubblikati kitbiet mill-Gh.S.L. fil-qafas legali;
- huwa membru *ex officio* tal-Bord Editorjali ta' 'Id-Dritt Law Journal'

**7.2.6**
L-Ufficjal ghall-Attivitajiet Akkademici:

- ghandu jiehu hsieb li jittellghu attivitajiet ta' natura akkademika fid-dawl tal-ghanijiet tal-ghaqda;
- ghandu jipprepara proposti ghat-tfassil tal-politika akkademika tal-Gh.S.L.;
- ghandu jiehu hsieb li jigu indirizzati l-bzonnijiet akkademici tal-membri tal-ghaqda.

**7.2.7**

L-Ufficjal ghall-Attivitajiet Non-Akkademici:

- ghandu jiehu hsieb li jittellghu attivitajiet socjali ghall-membri tal-Gh.S.L.;
- huwa responsabbli mill-attivitajiet non-akkademici tal-ghaqda

**7.2.8**
L-Ufficjal Internazzjonali:

- ghandu jibni relazzjonijiet ma' ghaqdiet barranin u ghaqdiet li ghandhom rabtiet internazzjonali, partikolarment dawk studenteski, ghall-finijiet tal-ghanijiet tal-ghaqda;
- ghandu jipproponi studji komparattivi dwar l-istudju tal-ligi;
- ghandu jipproponi mezzi u jiehu inizzjattivi sabiex l-GHSL tghin studenti barranin li qeghdin jistudjaw fil-Fakulta` tal-Ligi fuq bazi temporanja jew ghat-tul tal-kors kollu sabiex dawn jassimilaw ruhhom fil-kors.

**7.2.9**
Ir-Rapprezentanti tal-istudenti fuq il-Bord tal-Fakulta tal-Ligi:

- ghandhom jiffacilitaw il-komunikazzjoni bejn l-Gh.S.L. u l-Fakulta tal-Ligi u jipprezentaw il-politika tal-Gh.S.L. lill-Bord tal-Fakulta
- ghandhom jaghtu rapport tal-Laqghat tal-Bord tal-Fakulta lill-Kumitat Ezekuttiv;

**7.3**
Jekk wiehed mill-membri tal-Bord Ezekuttiv ma jissodisfax id-dmirijiet tieghu, kif elenkat f'Art. 7.2, ghandu jinghata 'warning' formali mill-Bord Ezekuttiv.

Mat-tieni 'warning' li jinghatalu, membru ta' l-Ezekuttiv jigi awtomatikament mnehhi mill-kariga tieghu u mill-Bord Ezekuttiv.

Kull membru ta' l-Ezekuttiv li jinghta 'warning' ghandu dritt ta' appell fuq il-Bord ta' l- Appell.

## <u>Artikolu 8  Elezzjonijiet tal-Kumitat Ezekuttiv</u>

**8.1**
L-elezzjoniijiet tal-Kumitat Ezekuttiv jkunu mmexxijin mill-Kummissjoni Elettorali, maghmula mill-Kummissarju Elettorali u z-zewg Assistenti mahturin mil-Laqgha Generali.
Membri tal-Kummissjoni Elettorali ma jistghux jikkontestaw l-elezzjonijiet.

**8.2.1**
L-elezzjonijiet isiru sa mhux inqas minn hamest ijiem wara u mhux izjed minn gimghatejn wara l-Laqgha Generali Annwali, fid-data ffissata mill-istess Laqgha Generali Annwali.
Ghandu jinghata avviz ghal elezzjoni sa mhux inqas minn tlett ijiem qabel id-data ta' l-istess l-elezzjoni.

**8.2.2**
L-elezzjonijiet isiru bejn id-9am u l-4pm, fil-Fakulta tal-Ligi.

**8.3**
Minghajr hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' paragrafu 7.1, il-membri kollha ta' 'Gh.S.L.' jistghu jikkontestaw u jivvotaw f'elezzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv.  Dawn id-drittijiet ma jistghu jkunu irtirati minn l-ebda organu ta' 'Gh.S.L.' hlief il-Bord tad-Dixxiplina jew tal-Appell.

**8.4.1**

Kandidat ghal elezzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv ghandu jkun innominat minn membru tal-ghaqda u ssekondat minn membru iehor. Nominazzjonijiet jintlaqghu waqt l-AGM sa ma jigu ddikjarati maghluqin mic-Chairman skond il-paragrafu 6.6.2 (vii). In-nominazzjonijiet ma jistghux isiru fuq bazi ta' listi ta' kandidati jew f'isem ghaqda jew grupp.

**8.4.2**
Ebda membru ma jista' jikkontesta ghall-kariga fuq il-Kumitat Ezekuttiv jekk jokkupa kariga fuq Bord studentesk iehor.

**8.5.1**
Elezzjoniji ghandha titmexxa bis-sistema ta' '*First past the Post'*, b'kuntestazzjoni ghal dawn il-karigi:

- Il-President
- Is-Segretarju Generali
- It-Tezorier
- L-Ufficjal ghar-Relazzjonijiet Pubblici (PRO)
- L-Ufficjal ghall-Pubblikazzjonijiet
- L-Ufficjal ghall-Attivitajiet Akkademici
- L-Ufficjal ghall-Attivitajiet Non-Akkademici
- L-Ufficjal Internazzjonali

L-ebda membru ma jista' jikkontesta ghal iktar minn kariga wahda fl-istess elezzjoni, jew jokkupa iktar minn kariga statutorja wahda fl-istess hin.

**8.5.2**
Il-membri jivvotaw billi jaghmlu salib, jew sinjal iehor li jinftiehem bhala vot skond id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali fejn isem mhux iktar minn kandidat wiehed f'kariga partikolari.

**8.5.3**
F'kaz ta' parita' bejn xi kandidati issir elezzjoni ohra bejn dawk il-kandidati ghal dik il-kariga jew dawk il-karigi. Din l-elezzjoni ghandha tissejjah mill-Kummissjoni Elettorali immedjatament wara l-ghadd tal-voti u ghandha ssir mhux inqas minn erbgha u ghoxrin (24) siegha wara u mhux izjed minn tlett ijiem utli wara l-ghadd originali tal-voti.
Jekk sahansitra fl-elezzjoni sussegwenti ikun hemm parita', il-kandidat jew kandidati jigi/u elett/i mill-membri tal-Kumitat Ezekuttiv Elett.

**8.6.1**
Minghajr hsara ghal paragrafu 8.6.2, f'kaz li kariga fuq il-Kumitat Ezekuttiv jsir vakanti waqt is-sena ta' hidma jew li kariga fil-Kumitat Elett isir vakanti waqt il-perjodu ta' *handover*, il-Kummissarju elettorali ghandu jkun informat sa mhux izjed minn hamest ijiem wara li l-istess kariga issir vakanti. Il-Kummissarju ghandu jsejjah elezzjoni li ghandha ssir mhux inqas minn hamest ijiem wara li jinghata avviz ghall-elezzjoni u mhux izjed minn gimghatejn wara li l-Kummissarju jkun informat.

**8.6.2**
Jekk kariga issir vakanti fi Frar jew f'Marzu qabel il-Laqgha Generali Annwali, ma ssir l-ebda elezzjoni u tapplika l-procedura ta' paragrafu 8.7 wara l-elezzjoni ta' Kumitat Ezekuttiv gdid.

**8.7**
Jekk post fil-Kumitat uxxenti jsir vakanti waqt il-perjodu ta' *handover* dan jigi mimli mill-membru Elett f'dik il-kariga.

## Artikolu 9  Sena ta' Hidma u *Handover*

**9.1**
Sena ta' hidma tibda' fl-ewwel ta' Lulju u tispicca fit-30 ta' Gunju tas-sena ta' wara.  Il-perjodu ta' *handover* jibda' immedjatament wara l-elezzjoni u jispicca malli tibda' s-sena ta' hidma gdida.

**9.2**
Waqt il-perjodu ta' *handover* il-Kumitat Ezekuttiv uxxenti jmexxi l-ghaqda.  Madankollu decisjonijiet li jistghu jippregudikaw il-hidma tal-Kumitat elett, l-imsemmi Kumitat elett jista' b'maggoranza ta' zewg terzi tal-membri tieghu jezercita d-dritt ta' veto kollettiv.

**9.3**
Waqt il-perjodu ta' *handover* il-Kumitat uxxenti ghandu jaghmel hieltu biex jassigura li l-Kumitat elett isir jaf kulma hemm x'taf dwar it-tmexxija ta' l-Gh.S.L..  Ghaldaqstant, minghajr hsara ghall-istess dritt tal-Kumitat uxxenti, il-Kumitat elett ghandu jkollu access shih ghal kulma jikkoncerna l-ghaqda.

## Artikolu 10  Il-Bord tad-Dixxiplina

10.1.1
Il-Bord tad-Dixxiplina jikkonsisti minn tlett membri ta' l-GhSL, mahturin mill-Laqgha Generali Annwali.

Minn fost dawn il-Membri, il-Laqgha Generali Annwali ghandha telegi 'Chairperson'.

Membri tal-Kumitat Ezekkuttiv, tal-Kummissjoni Elettorali, jew 'Class Representative' ma jistax ikun membru tal-Bord tad-Dixxiplina.

**10.1.2**
Il-Bord tad-Dixxiplina ghandu jistudja u jiggudika dwar kazijiet ta' ksur ta' regolamenti u prattiki statutorji jew ta' procedura, u kazijiet fejn membru jkun akkuzat b'imgieba detrimentali ghall-ghaqda, fid-dawl tal-poteri moghtija lill-Bord minn dan l-istatut.  Tali akkuzi jistghu ikunu pprezentati lill-istess Bord minn kull membru ta' 'Gh.S.L.'.

**10.2.1**
Il-partijiet kontestanti quddiem il-Bord tad-Dixxiplina jkollhom dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Bord, fuq bazi ta':

(i) interpretazzjoni zbaljata ta' l-istatut min-naha tal-Bord tad-Dixxiplina

(ii) apprezzament zbaljat tal-fatti li gew ipprezentati lill-Bord tad-Dixxiplina mill-istess Bord tad-Dixxiplina.

L-appell ghandu jsir bil-miktub u ghandu jasal quddiem ic-'Chairperson' tal-Bord ta' l-Appell sa mhux aktar minn gimgha wara d-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina.

**10.2.3**
Id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell tkun finali.

**10.3**
Il-Bordijiet jistghu jiehdu dawn il-misuri, skond il-gravita' tal-kaz, kontra membri li jinstabu hatja minnhom:

- il-membru jitnehha mill-kariga illi jkun jokkupa;
- il-Bord jirtira d-dritt tal-membru li jikkontesta elezzjonijiet ghal kull organu fi hdan l-'Gh.S.L.' u li jikkontesta elezzjonijiet f'isem l-'Gh.S.L.';
- il-Bord jissospendi s-shubija tal-membru fi hdan l-'Gh.S.L.' ghal perjodu definit jew indefinit;
- il-Bord jiddikjara pubblikament it-terminazzjoni ta' kull relazzjoni bejn l-'Gh.S.L.' u l-membru kkoncernat.

**10.4**
Fit-tehid ta' decizzjonijiet dixxiplinarji dwar xi membru, dan il-membru ghandu dejjem ikollu d-dritt li jinstema' minn persuni imparzjali ghall-kaz koncernat. Ghandu jinghata kull dritt li jipprezenta l-pozizzjoni u spjegazzjonijiet tieghu u li dawn jigu ikkunsidrati.

**10.5**
Fejn jirrizulta li azzjoni mehuda minn membru tkun marret kontra l-iStatut, regolamenti ta' procedura, sa fejn ikun possibli din l-azzjoni tigi ddikjarata invalida u ghandhom jittiehdu l-passi kollha necessarji sabiex l-effetti ta' din l-azzjoni jigu limitati, jew fejn hu l-kaz newtralizzati.

## Artikolu 11 Id-Dritt Law Journal

**11.0**
Il-Kumitat Ezekuttiv tahtar l-Editur ta' 'Id-Dritt Law Journal'. Il-Bord Editorjali ghandu jigi appuntat mill-Kumitat Ezekuttiv fuq proposta tal-Editur tad-Dritt Law Journal.

## Artikolu 12 Emendi ghall-istatut

**12.1**
Emendi ghal dan l-istatut isiru waqt Laqgha Generali bl-approvazzjoni ta' mhux anqas minn zewg terzi tal-membri prezenti fil-Laqgha.

**12.2**
Emendi ghall-istatut ma jistghux jigu kkonsidrati mil-Laqgha Generali jekk ma jkunux ipprezentati lis-Segretarju Generali sa jumejn qabel il-Laqgha, sakemm dawn ma jkunux kontro-emendi ghal emenda proposta. Hija fid-diskrezzjoni tac-*Chairperson* tal-Laqgha Generali li jiddeciedi x'jikkwalifika bhala kontro-emenda.